*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 43*

***3 ta' Lulju 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *43.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

43.1.1 Is-Sindku is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill irċieva ittri t'apoloġija mill-Kunsillier s-Sur Frank Zammit u l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit. Huwa talbu l-Kunsill sabiex jiġu skuzati minħabba sitwazzjonijiet mhux previzti. Filwaqt li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni l-Kunsill qabel unanimament li jiġu skuzati.

## *43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

43.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. L-viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li xtaqt jekk tinbidel kelma zgħira f'numru 42.4.2 fejn hemm referenza 'fejn ta' Briffa' sabiex din tinbidel 'fil-viċinanzi ta' fejn tintrema' l-vara tas-Ssma. Trinita'. Wara li ħadd mill-kunsilliera ma kellu oġġezzjoni għal dan it-tidbil, il-minuti ġew iffirmati kif ipprezentati. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

43.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-membri tal-Kunsill li dwar it-tender tal-korsa hemm diskrepanza ta' madwar €10,000 bejn iz-zewġ kuntratturi li applikaw. Sadanittant, għada ser ikun qed jintaqa' l-Bord t' Aġġudikazzjoni sabiex jagħti ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Minkejja dan, il-Kunsill huwa deċiz li xorta jibqgħa bid-deċizjoni tiegħu li jmur għal-għola wieħed jiġifieri ta' Kevin Farrugia, hekk kif kien hemm diversi Kunsilli li qed jilmentaw bil-kwalita' ta' xogħol li l-kuntrattur l-ieħor qiegħed jipprovdi. Apparti hekk il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill għandhu jkun awtonomu u jiddeċiedi hu x'inhu l-aħjar u jekk id-deċiżjoni hija li jingħata dan il-kuntratt lill-Kevin Farrugia għandhu jibqa għaddej bid-deċiżjoni tiegħu minħabba l-punti li ġew imqajma. Il-Kunsillier preżenti qablu mall-kummenti mgħoddija.

## *43.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

43.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-ġnub tal-ispralli ġo Triq is-Sajjieda għadhom miftuħin. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li attwalment saru dawk tan-nofs, madanakollu jaqbel li jsiru anke dawk tal-ġnub.

43.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ilmenta dwar is-sitwazzjoni tas-sigurta' fil-lokalita', hekk kif minkejja li l-Kunsill għamel żewġ bye-laws lokali dwar il-konsum tal-alkohol u tal-Itlajjar, l-effet tagħhom mhuwiex qiegħed jinħass. Dan hekk kif qed inkun hemm numru ta' nies barranin li jkunu saħansitra viċin l-għassa tal-Pulizija li jkunu qegħdin jixorbu l-alkoħol. Ir-rondi tal-RIU spiċċaw għal kollox filwaqt li taħt il-bini tal-Kunsill hawn ukoll rota misruqa. Is-Sindku qal li dan huwa minnu tant li llum stess kellhu laqgħa mall-Ispettur fejn għaddielu dawn l-ilmenti. Jekk jara li din is-sitwazzjoni ma tinbidilx huwa lest li jerġa jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tal-Gustizzja.

43.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal il-Kunsill irċieva ittra min resident fi Triq Zerafa minħabba l-fatt li l-karozza ma tistgħax tidħol mill-bankina kif saret. Huwa qal ukoll li tkun xi ħaġa tajba jekk il-Kunsill jagħti acknowledgement ta' din l-ittra. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel perfettament li għandha tintbgħat acknowledgement, madanakollu wieħed irid jara x'jista' jagħmel hekk kif huwa diffiċli biex il-Kunsill jaddatta l-bankini meta residenti jbiddlu l-karozza.

43.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer reġa' ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill is-sitwazzjoni ta' dar illegali fi Triq San Ġorġ Preca li qed tintuża llegalment bħala moskeja u qed jkun hemm ħafna nies fis-sigħat bikrin ta' filgħodu, b'mod li jdejqu r-residenti. Is-Sindku s-Sur Francis Debono saħaq li hemm bżonn li l-Kunsill jerġa jinforma lill-awtoritajiet dwar dan.

## *43.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

43.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *43.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

43.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Banda Marija Reġina qed titlob lill-Kunsill jekk huwiex interessat jirreklama front hard cover bil-kulur għall-prezz ta' €250. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.7 Data tal-Wirja tal-Kunsill*

43.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono staqsa lil-Membri tal-Kunsill meta jkun l-aħajar żmien biex tittella l-wirja tal-Kunsill b'tiftika tal-25 sena min meta ġie mwaqqaf. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li t-tieni gimgħa t'Ottubru tkun idejali. Is-Sindku qal ukoll li għal din l-attivita' tkun opportunita' sabiex il-Kunsill jistieden persuni distinti fosthom il-Prim Ministru Joseph Muscat. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.8 Pubblikazzjoni ta' Ktieb għal Wirja*

43.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet dwar pubblikazzjoni ta' ktieb b'refernza għall-istess attivita' tal-wirja. Kien hemm diversi kumpaniji li ma bgħatu l-ebda kwotazzjoni filwaqt li min dawk li bgħatu kien hemm il-Print Right bil-prezz ta' €2236 + 5% VAT  u l-Gutenberg Press Limited għall-prezz ta' €2,250 mingħarjr VAT. Il-Kunsill ser jagħzel l-orħos wieħed, jiġifieri tal-Print Right. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.9 Ħarġa għat-Tfal fis-Sajf*

43.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-opinjoni tal-membri preżenti dwar x'jistgħa jamgħmel il-Kunsill għal ħarġa għat-tfal fis-sajf. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-ħarġa għandha tkun għall-familja minflok għat-tfal biss. Kien hemm qbil dwar dan u wara diskussjoni qasira ġie miftiehem li l-Kunsill jkellem lill-operaturi tad-dgħajjes li jagħmlu cruises ta' ġurnata f'Kemmuna fejn il-Kunsill bi prezz issussidjat ikun qed jorganizza ħarġa għat-tfal tal-lokal u l-familji tagħhom. Din l-attivita' ser tkun miftuħa wkoll għat-tfal tal-iskola. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.10 Bidu ta' diskussjoni dwar Liġi Lokali rigward dħul fil-Playing fields*

43.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-membri tal-Kunsill dwar ix-xewqa li l-Kunsill ikollu bye law li jirregola l-aċċess għall-playing fields bil-għan li jitnaqqsu l-abbużi f'dawn iż-żoni u sabiex l-playing fields ikunu jistgħu jitgawdew mit-tfal u familji Marsin. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta madanakollu kollha kienu tal-fehma li jekk ma jkunx hemm infurzar liġi lokali bħal din tkun għalxejn. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li fil-futur il-Kunsill ikollu laqgħa mall-Ministru tal-Ġustizzja l-Onor. Owen Bonnici sabiex jiddiskutu dawn il-proposti fost oħrajn. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.11 Bdil ta' parti mill-Bankina ta' Triq Azzopardi*

43.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li ssir parti min bankina fi Triq Azzopardi minħabba l-ħsarat li din għanda u hija ta' periklu għal dawn li jkunu mixjin fiha. Wara li ħadd ma kellu oġġezzjoni li din il-bankina ssir il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.12 Diskussjoni dwar it-Talba tas-Soċjeta’ Mużikali Trinita’ Qaddisa*

43.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-opinjoni ta’ dawk preżenti dwar it-talba tas-Soċjeta’ Mużikali Trinita’ Qaddisa sabiex isir ċaqlieq fl-istatwa tad-Dott. Nerik Sacco sabiex fil-post jitqiegħed dak ta’ Anton Cassar. Il-Kunsill hua lest li jgħin lill-Għaqda sabiex dan iċ-ċaqlieq isir kif mitlub. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda, filwaqt li kien hemm żewġ voti favur din il-proposta u vot ieħor kontra.

## *43.13 Bidla fid-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura u Triq il-Karmnu*

43.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq fuq il-mejda tal-kamra il-pjanti tat-toroq tal-Marsa sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jaraw id-direzzjoni tat-traffiku fit-toroq tal-lokal. L-għan ta’ dan huwa sabiex Triq il-Kunċizzjoni ssir one way, fejn il-karozzi jidħlu min Triq Saura u Triq il-Karmnu u joħorġu min Qormi Road. Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti kien hemm qbil li dan isir. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekkutiv sabiex ir-residenti jkunu mgħarrfa b’dawn il-bidliet. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *43.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

43.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.35pm u ġiet aġġornata għall-1 t’Awissu 2018 fill-5.30pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 1 t’ Awissu 2018